

Emenda 8**Benedek Jávor**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Rapport**Barbara Kappel**L-istatistika tal-prezzijiet tal-gass naturali u tal-elettriku
(COM(2015)0496 - C8-0357/2015 - 2015/0239(COD))**A8-0184/2016****Proposta għal regolament****Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(3a) "konsumatur mhux domestiku", b'rabta mal-gass naturali u l-elettriku, tfisser dan li ġej:

- SME kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjon 2003/361/KE^{1a} ;
- industrija intensiva fl-enerġija, li tfisser setturi fejn l-intensità ta' gass naturali u elettriku tkun oġġla mill-medja tal-intensità enerġetika tal-industrija kollha kemm hi, skont il-metodoloġija stabbilita permezz tal-att delegat imsemmi fit-tieni paragrafu;
- konsumaturi ġhajr konsumaturi domestiċi, SMEs u industrija intensiva fl-enerġija;

^{1a} Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

Or. en

Ġustifikazzjoni

"Konsumatur mhux domestiku" tkopri firxa wiesgħa ferm ta' konsumaturi. Biex ikunu żgurati komparabbiltà u fehim aħjar tas-swieq tal-enerġija u jkun possibbli li jittieħdu deċizzjonijiet aktar infurmati, neħtieġu granularità aħjar tad-data miġbura. Id-data statistika tal-"konsumaturi mhux domestiċi" għandha tiġi granulata ulterjorment f'SMEs, industrijii intensivi fl-enerġija u konsumaturi

industrijali oħra. Il-lista tas-setturi tal-industrija intensivi fl-enerġija għandha tkun definita ulterjorment mill-Kummissjoni permezz ta' att delegat.